

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2020/2030**tal-10 ta' Diċembru 2020****li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Meta att għandu jiġi adottat mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi vverifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.
- (2) Dik il-perċentwali tiġi kkalkolata skont iċ-ċifri tal-popolazzjoni stipulati fl-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ("ir-Regoli ta' Proċedura") (').
- (3) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprevedi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda ċ-ċifri stipulati f'dak l-Anness, f'konformità mad-data disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jiġu emendati kif meħtieġ għas-sena 2021.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 240 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - jaapplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS III**Ċifri li jirrigwardaw il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill**

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Ġermanja	83 100 961	18,54
Franza	67 098 824	14,97
Italja	60 897 891	13,58
Spanja	47 329 981	10,56
Polonja	37 958 138	8,47
Rumanija	19 317 984	4,31
Netherlands	17 549 457	3,91
Belġju	11 549 888	2,58
Greċja	10 709 739	2,39

(') Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

Stat Membru	Popolazzjoni	Perċentwali tal-popolazzjoni tal-Unjoni (%)
Ċekja	10 557 001	2,35
Żvezja	10 330 000	2,30
Portugall	10 295 909	2,30
Ungerija	9 769 526	2,18
Awstrija	8 897 000	1,98
Bulgarija	6 951 482	1,55
Danimarka	5 816 443	1,30
Finlandja	5 521 292	1,23
Slovakkja	5 457 873	1,22
Irlanda	4 964 440	1,11
Kroazja	4 058 165	0,91
Litwanja	2 794 090	0,62
Slovenja	2 095 861	0,47
Latvja	1 907 675	0,43
Estonja	1 328 976	0,30
Ċipru	888 005	0,20
Lussemburgu	623 962	0,14
Malta	514 564	0,11
UE 27	448 285 127	
Livell limitu (65 %)	291 385 333"	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikkazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi Brussell, id-10 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH*